IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.2.2020
COM(2020) 61 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti kwistjonijiet baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport

ANNESS 1

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 2020/
TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …
dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2020

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikoli 24(1) u 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'dan hu adottat il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2020, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni 2019/1 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport skont l-Artikolu 3.

Artikolu 3

L-Artikolu 2 għandu jieqaf japplika fil-jum ta' qabel dak li fih tidħol fis-seħħ il-ħatra tad-Direttur permanenti tas-Segretarjat Permanenti.

Magħmul fi ..., fi ... 2020.

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali
Il-President

ANNESS I: Baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2020

KOSTIJIET OPERAZZJONALI TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI (inkluż infiq fiss / kontabilità / attivitajiet ta' komunikazzjoni / organizzazzjoni ta' laqgħat)	**396,900**
TAGĦMIR TAL-UFFIĊĊJU U GĦAMARA TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI	**60,000**
PERSUNAL (inkluż salarji, gratifiki, reklutaġġ, ivvjaġġar, kontribuzzjonijiet għal skemi tas-saħħa/pensjonijiet)	**1,461,500**
STUDJI, ASSISTENZA TEKNIKA li għandhom jitmexxew mis-Segretarjat Permanenti	**800,000**
TOTAL	**2,718,400**
RIŻERVA (madwar 9,4 %)	**281,600**
TOTAL FINALI	**3,000,000**
Li minnu: Kontribuzzjoni tal-UE (80 %)	**2,400,000**
Kontribuzzjoni tal-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk (20 %: l-Anness V tat-TCT jipprovdi d-distribuzzjoni skont kull pajjiż)	**600,000**